MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1692/2002

**Louis Padovani**

**vs**

**Decman Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin (LLm115.00), inkluz il-VAT, rapprezentanti prezz ta' servizzi professjonali rezi mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut stess.
Bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta prezentata mis-socjeta’ konvenuta fejn hija eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-
Illi l-esponenti ma nkarigatx lill-attur biex jaghti s-servizzi professjonali. Qatt ma kien hemm diskors jew ftehim dwar hlas.
Illi waqt okkazzjoni socjali l-attur offra li jghin lill-esponenti f’rapprezentazzjonijiet mal-IPSE u li dan qed isir fil-vesti ta’ habib.
Saru zewg jew tlett laqghat u wara li l-attur mela’ l-applikazzjoni mehtiega it-talba tal-esponenti ma gietx akkolta u sahansitra tal-IPSE rrimarkaw li l-applikazzjoni kienet difettuza.
Illi l-esponenti ma ha l-ebda servizz u ghalhekk huwa rrifjuta li jhallas lill-attur. Huwa semplicement fuq bazi ta’ ‘ex gratia offra Lm30.00 u hass li anki din l-offerta kienet eccessiva. Din l-offerta ma gietx accettata mill-attur.
Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Martin Bowerman u ta’ Hubert Pace Decesare. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur, li jezecita l-professjoni ta’ accountant u awditur, qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ Lm115.00, liema ammont huwa dovut bhala drittijiet professjonali in koncernanti diversi laqghat konnessi mas-sottomissjoni ta’ applikazzjoni mal-IPSE intavolata mis-ocjeta’ konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta tirribatti li l-ammont mitlub m’huwiex dovut stante li hija qatt ma nkarigat lill-attur jirrendi s-servizzi li taghhom qed jitlob il-pagament u kien huwa li offra li jghin lill-Managing Director tas-socjeta’ konvenuta sabiex issir din l-applikazzjoni meta huwa ltaqa’ mieghu waqt okkazzjoni socjali. Inoltre s-socjeta’ konvenuta tirritjeni li l-applikazzjoni sottomessa lill-IPSE u kumpilata mill-attur kienet difettuza u fil-fatt giet michuda peress li kien fiha xi mankanzi.

Fil-fehma tat-Tribunal il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta ma kienx korrett li jassumi li s-servozzi li kien qed joffri l-attur kienu bla hlas. Il-fatt li l-attur offra li jghin lill-attur waqt okkazzjoni socjali u ma sarx kliem dwar pagament ma jfissirx necessarjament li s-servizzi moghtija mill-attur susssegwentement kienu qed jinghataw gratis.

Is-socjeta' konvenuta tirritjeni wkoll li l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat specjalment meta jitqies li kull ma saru kienu zewg laqghat, wahda mal-IPSE u laqgha ohra ta' madwar siegha li saret fl-ufficcju tas-socjeta' konvenuta fejn giet kumpilata la-pplikazzjoni li eventwalment giet sottomessa mal-IPSE. L-attur min-naha l-ohra xehed li saru diversi laqghat, fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Novembru 2002 isemmi tlett laqghat mal-IPSE u erba' laqghat fl-ufficccju tas-socjeta' konvenuta u in kontro-ezami huwa jsemmi seba' laqghat. Fil-fehma tat-Tribunal din is-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda l-fatt li l-ammont mitlub huwa esagerat hija gustifikata u dan ghal zewg ragunijiet:-

1. Martin Bowerman, li huwa l-Business Manager tal-IPSE, u huwa wkoll xhud totalment indipendenti, ikkonferma t-tezi tas-socjeta' konvenuta li fil-fatt kienet saret laqgha wahda biss mas-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda l-applikazzjoni minnha sottomessa u dan ix-xhud spjega li ghal din il-laqgha kien prezenti Hubert Pace Decesare (ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta) li kien akkompanjat minn terza persuna li ma jiftakarx ismu.
2. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-applikazzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta giet mibghuta lura peress li kellha xi dettalji neqsin. Dan ma jfissirx li gie pruvat li l-applikazzjoni in kwistjoni giet rifjutata minhabba xi mankanza da parti tal-attur izda li bhala stat ta' fatt is-socjeta' konvenuta rnexxielha tipprova li l-applikazzjoni kumpilata mill-attur fuq inkarigu taghha ma keinitx kompleta u kellha tintbghat lura.

Ghal dawn iz-zewg ragunijiet hawn fuq imsemmija u abbazi tal-fatt li dan it-Tribunal irid jiddeciedi skond il-principji tal-ekwita, l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta

lill-attur ghas-servizzi professjonali minnu rezi qed jigi ridott ghas-somma ta’ sittin lira Maltin (Lm60.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60.00) u konsegqwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, salv ghall-ispejjes inkorsi mis-socjeta’ konvenuta sabiex jigi ngunt l-attur ghall-kontro-ezami li ghandhom jigu sopportati mill-istess attur, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------